**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Axil James Busuttil**

**Illum 28 ta' Gunju 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Axil James Busutill detentur tal-karta ta' l-identita numru 0473892(M) billi huwa akkuzat talli nhar is-sebgha u ghoxrin(27) ta' Gunju 2020 ghall-habta ta' disa' u kwart ta' filghaxija (21:15hrs) gewwa Birzebbugia, Malta:

1. Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. N. Galea Sciberras LLD fid-digriet taghha ta' nhar is-7 ta' Settembru 2019 li bih tat il-helsien mill-arrest taht Garanzija Personali ta' 3, 500 Euro.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tallum 28 ta' Gunju 2020 ghall-imputazzjoniji migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Dr. Martin Fenech li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet trattazzjoni finali dwar il-piena da parte tal-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Roderick Attard u da parte ta' Dr. Martin Fenech ghall-imputat.

**DECIDE:**

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat u c-cirkostanzi tal-kaz. Il-Qorti ghalhekk wara li rat Artikolu 579 tal-Kap. 9, qieghda tikkundanna lil Axil James Busuttil multa ta' tliet mitt Ewro (€300).

Il-Qorti wara li rat artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 u sabet li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datata 7 ta' Settembru 2019 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras LL.D li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest, qeghda tirrevoka 'contrario imperio' id-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' Axil James Busuttil, kif ukoll tordna l-konfiska tas-somma ta' tlett elef u hamies mitt ewro (3,500 ewro) bhala garanzija personali u dawn jghaddu favur il-Gvern ta' Malta;

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur General ital-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex jghin lill-imputat jaqbad it-triq it-tajba inkluz li jwettaq programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur General ital-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Vera kopja

Margaret De Battista
Deputat Registratur